TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/538/11/S

Leandros Calleja
Vs
Noel Gauci

Illum 19 t'Ottubru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Leandros Calleja pprezentata fis-27 ta'Dicembru,2011 u r-risposta ta'Noel Gauci datata 22 ta'Mejju,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attur u r-rapprezentant tal-konvenut, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fit-28 ta'Gunju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'solar water heater' li skont l-attur, wara 3 snin minn mindu inxtara, beda' jizviluppa hafna hsarat. Min-naha tieghu, il-konvenut ecepixxa l-preskrizzjoni jekk tigi applikata l-garanzija legali filwaqt li l-garanzija miftehma bejn il-partijiet teskludi certi partijiet mill-istess 'solar water heater';

Illi jinghad mal-ewwel li l-verzjoni moghtija mill-attur hija verosimili pero it-talba tieghu ma tistax tirnexxi ghax il-garanzija maqbula bejn il-partijiet teskludi l-'inner tank' filwaqt li l-garanzija legali hija preskritta u dan kif spjegat fir-risposta tal-konvenut;

Illi min-naha l-ohra dan it-Tribunal ma jhossx li hu ekwu li f'Awwissu,2011 l-attur ihallas mitt ewro lill-konvenut bil-ghan li jirrangalu l-water heater' u dan ma sehhx meta l-konvenut seta' jinfurmah li ma jistax jissewwa';

Illi ma kienx hemm kontestazzjoni daparti tal-attur, dwar il-garanzija maqbula bejn il-partijiet kif ukoll tad-dati msemmija;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal jaqbel ma' dak imsemmi fl-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjoni ta'

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Noel Gauci u Jichad it-talba ta' Leandros Calleja b'dan li l-konvenut Noel Gauci ghandu jhallas lura lil Leandros Calleja s-somma €100 imhallsa mill-attur f'Awwissu,2011 biex jitranga l-istess 'solar water heater', b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru